**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru. RGĦ 46/14

**Minuti tal-46 laqgħa li saret nhar il-Ġimgħa 14 ta' Novembru fis-6:30 pm.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa fis-6:30 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; il-President Samuel Azzopardi, il-Viċi President Joseph Sultana, u l-membri, Mario Azzopardi, David Apap, Anthony Cassar, Frans Cauchi, Salvu Borg, Charles Said, Nicky Saliba, u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

1. **<u>Qari, konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti</u>**

1. Intqalet t-talba. Il-minuti ma nqrawx peress illi ntbgħatu minn qabel. Il-minuti tat-45 laqgħa ġew approvati unanimament.

2. **<u>Proġett u devoluzzjoni Street Lighting andament u żviluppi</u>**

3.1 Is-segretarju stqarr illi min-naħa tal-Ministeru tal-Enerġija qed jitolbu sabiex id-*Devolution Agreement* jiġi finalizzat mill-partijiet kollha konċernati. Huwa nforma illi dan il-ftehim qed jiġi analizzat mill-avukat Dr Georgine Schembri u qed ikun hemm koordinazzjoni mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Fl-aħħar korrispondenza li saret mad-Direttur fuq l-iffirmar ta' dan id-devolution agreement, l-istess Direttur talab illi nistennew il-*budget* tal-gvern ċentrali sabiex inkunu f'posizzjoni aħjar x'inhi l-allokazzjoni finanzjarja. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

3. **<u>Infurzar Lokali żviluppi</u>**

4.1 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-membri li saret laqgħa bejnu, l-uffiċjal awtorizzat u rappreżentanti tal-Aġenzija tal-Gwardjani Lokali. F'din il-laqgħa ġew diskussi żewġ punti importanti. L-ewwel punt huwa fuq in-nuqqas ta' qbil bejn il-kumitat Reġjonali u l-Aġenzija dwar il-kontijiet ta' CCTV ġewwa Pjazza San Franġisk. L-aġenzija ssuġerixiet li jkun hemm skont ta' 10% fuq dawn il-kontijiet u dan l-iskont għandu jibda minn Novembru 2013, peress li kien iż-żmien minn meta il-kumitat Reġjonali waqqaf il-ħlas ta' dawn il-kontijiet. Is-segretarju nforma wkoll li din il-proposta ġiet aċċetata mill-Kumitati Reġjonali ta' Malta. Kulħadd qabel ma din il-propost

4.2. Dwar il-punt l-ieħor l-aġenziija offriet li meta tkun tista' l-aġenzija tibgħat gwardjan lokali fuq ir-rotta mingħajr spejjeż żejda għall-Kumitat Reġjonali. Dan sabiex jissaħħaħ l-infurzar f'Għawdex mingħajr ma jiżdied il-piż finanzjarju fuq il-Kumitat Reġjonali. Is-segretarju stqarr li huwa fatt li Għawdex għandu livell t'infurzar baxx meta kkomparat relattivament mal-kumplament ta' Malta. Il-membri qablu ma din il-proposta, però għamluha ċara li din hija offerta minn naħa tal-aġenzija u għalhekk il-Kumitat Reġjonali m'għandu l-ebda obbligu lejn l-aġenzija.

4.3 Fuq is-sistema tal-infurzar lokali l-membru David Apap qal li l-istesss sistema mhux qed tagħmel ġustizzja mal-membri tal-Kumitat Reġjonali, u ma jistax ikun li l-

Kumitat Reġjonali jibqa jiffunzjona bl-iskop uniku li jipprova jagħmel din is-sistema vijabblii finanzjarjament. Huwa ppropona li għandu jkun hemm *deadline* mal-gvern ċentrali sabiex tinstab soluzzjoni f'dan ir-rigward. Il-President waqt li qabel li hemm problemi reali fil-vijabilità tas-sistema tal-infurzar lokali, ma' jaħsibx li s-soluzzjonijiet jinstabu bid-*deadlines.* Huwa stqarr li l-gvern ċentrali huwa konxju minn din il-problema u qed jaħdem fuq riforma. Huwa ssuġerixxa wkoll li naraw x'ser ikun l-eżitu tal-budget f'dan ir-rigward.

**4. Approvazzjoni ta' Pagamenti**

6.1 L-iskeda tal-pagamenti numru 31 illi tammonta għall-€64,307.53 ġiet approvata kif annessa ma dawn il-minuti.

6.2 Peress illi ma kienx hemm affarijiet oħra x'niddiskutu, il-laqgħa ntemmet fis-7:30 pm.

_________________

Dr Samuel Azzopardi
President

_________________

Ian Paul Bajada
Segretarju Eżekuttiv